**FIL-QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
Bhala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali

**MAĠISTRAT**
**DR. CAROLINE FARRUGIA FRENDO**
***B.A. (Legal and Humanistic Studies), LL.D.,***
***M.Juris (International Law), Dip. Trib. Eccl. Melit.***

**Kumpilazzjoni Numru: 202/2022**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Roderick Agius)**
**vs**
**Zdeniek Cauchi**

**Illum 3 ta' Ottubru 2024**

**Il-Qorti;**

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

**Zdeniek Cauchi** ta' tletin (30) sena bin Philip u Shannon nee' Tanti li twieled il-Pieta`, nhar it-tmienja (8) ta' April tas-sena elf disa' mija u erbgha u disghin (1994), iddikjarat li jirrisjedi gewwa l-indirizz ST Paul's Crt, FL 3, Triq Il-Kbira, Zebbug, detentur tal-karta tal-identita` tal-karta tal-identita' 190494M

**Akkuzat talli:**

Nhar is-sebgha u ghoxrin ta' Marzu 2022 gewwa Pjazza Sciortino, Haz-Zebbug Malta u f'dawn il Gzejjer ghal habta ta' 21:00hrs ikkaguna feriti ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Yoram Cauchi u/jew persuna ohra; u

Aktar talli fl-istess, lok, hin u cirkostanzi kiser l-bon ordni u l-paci pubblika, b'ghajjat u glied.

Rat it-talba sabiex tohrog Ordni ta' Protezzjoni ai termini tal-Artikolu 412C fejn tipprojbixxi lill-imputat milli javvicina lil Yoram Cauchi u r-residenza tieghu kif ukoll il-post li t-tali persuna jiffrekwenta.

**Decide:**

Fuq ammisjoni qed isib lill-imputat Zdeniek Cauchi hati tal-imputazzjonijiet kif dedotti kontra tieghu u tikkundannah ghal sena prigunerija li ai termini tal-Artikolu 28A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed jigu sospizi ghal perjodu ta' sentejn mil-lum u tordna kopja ta' din is-sentenza inkluz il-process jigu notifikati lill-Avukat Generali ai termini tal-Artikolu 392A tal-Kap9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Finalment, spjegat lill-hati Zdeniek il-portata ta' din is-sentenza ai termini ta' l-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.**

**Dr. Caroline Farrugia Frendo LL.D.**
**Maġistrat**

**Fabiana Grech**
**Deputat Reġistratur**